ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 34

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 51**

**8 ta' Frar 2008**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 115/2008 tas-7 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/99/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2007 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta' Materjal Nukleari u ta' Impjanti Nukleari** ........................ 3

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA’ FTEHIM INTERNAZZJONALI

**Kummissjoni**

2008/100/KE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat konġunt Komunità/Żvizzera għat-Trasport bl-Ajru stabbiliti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru tal-5 ta’ Diċembru 2007, li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-Trasport bl-Ajru** ..... 19

III *Atti adottati skond it-Trattat ta’ l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA’ L-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/101/PESK tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar it-tnedija ta’ l-operazzjoni militari ta’ l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR Tchad/RCA)** ..... 39

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 115/2008

**tas-7 ta' Frar 2008**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Frar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 143,2 |
| | JO | 84,0 |
| | MA | 48,6 |
| | TN | 111,3 |
| | TR | 93,2 |
| | ZZ | 96,1 |
| 0707 00 05 | EG | 208,2 |
| | JO | 187,5 |
| | MA | 130,0 |
| | TR | 126,0 |
| | ZZ | 162,9 |
| 0709 90 70 | MA | 56,3 |
| | TR | 149,9 |
| | ZZ | 103,1 |
| 0805 10 20 | EG | 44,1 |
| | IL | 50,8 |
| | MA | 62,0 |
| | TN | 50,0 |
| | TR | 66,4 |
| | ZZ | 54,7 |
| 0805 20 10 | IL | 106,7 |
| | MA | 106,8 |
| | TR | 101,8 |
| | ZZ | 105,1 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 41,9 |
| | EG | 76,3 |
| | IL | 70,6 |
| | JM | 97,3 |
| | MA | 133,4 |
| | TR | 115,1 |
| | US | 60,6 |
| | ZZ | 85,0 |
| 0805 50 10 | EG | 73,4 |
| | IL | 135,3 |
| | MA | 83,2 |
| | TR | 116,4 |
| | ZZ | 102,1 |
| 0808 10 80 | CA | 103,0 |
| | CN | 91,7 |
| | MK | 39,9 |
| | US | 113,2 |
| | ZZ | 87,0 |
| 0808 20 50 | CN | 65,9 |
| | US | 107,7 |
| | ZA | 99,1 |
| | ZZ | 90,9 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-19 ta’ Diċembru 2007**

**dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta’ Materjal Nukleari u ta’ Impjanti Nukleari**

(2008/99/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u b’mod partikolari t-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 101 ta’ l-istess Trattat,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/513/Euratom ta’ l-10 ta’ Lulju 2007, li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni emendata dwar il-Ħarsien Fiżiku ta’ Materjal Nukleari u ta’ Impjanti Nukleari [1],

Billi:

(1) L-Artikolu 2 e) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (it-Trattat Euratom) jgħid illi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (il-Komunità) għandha tiżgura, permezz ta’ sorveljanza xierqa, li materjali nukleari ma jintużawx għal skopijiet differenti minn dawk li għalihom ikunu maħsuba.

(2) Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta’ Materjal Nukleari (CPPNM) kienet adottata fl-1979 u daħlet fis-seħħ fl-1987. 128 Stat flimkien mal-Komunità huma partijiet għas-CPPNM [2]. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għas-CPPNM.

(3) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Qorti tal-Ġustizzja) [3] iddeċidiet li l-parteċipazzjoni ta’ l-Istati Membri fis-CPPNM hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom bil-kondizzjonijiet biss li, sa fejn għandhom x’jaqsmu s-setgħat u l-ġurisdizzjoni tagħha nfisha, il-Komunitá bħala tali hija parti għas-CPPNM bl-istess mod bħall-Istati Membri, u li ċerti impenji tas-CPPNM jistgħu jitwettqu biss, fir-rigward tal-Komunità, permezz ta’ assoċjazzjoni mill-qrib bejn il-Komunitá u l-Istati Membri, kemm fi proċess ta’ negozjati u konklużjoni, kif ukoll fit-twettiq ta’ l-impenji assunti,

TIDDEĊIDI:

### Artikolu 1

L-adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta’ Materjal Nukleari u ta’ Impjanti Nukleari hija b’dan approvata f’isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

It-test tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta’ Materjal Nukleari u ta’ Impjanti Nukleari (Anness I) u d-dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skond l-Artikoli 18 (4) u 17(3) ta’ dik il-Konvenzjoni jinsabu mehmuża ma’ din id-Deċiżjoni (Anness II).

### Artikolu 2

L-istrument ta’ adeżjoni għandu jkun iddepożitat mad-Direttur Ġenerali ta’ l-Aġenzija Internazzjonali ta’ l-Enerġija Atomika, li hu d-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta’ Materjal Nukleari u ta’ Impjanti Nukleari, malajr kemm jista’ jkun wara li tkun ġiet adottata din id-Deċiżjoni, f’għamla ta’ ittra ffirmata mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Organizzazzjonijiet Internazzjonali fi Vjenna.

[1] ĠU L 190 tal-21.7.2007, p. 12.
[2] Stat tal-31 ta’ Mejju 2007.
[3] Deċiżjoni 1/78 ta’ l-14 ta’ Novembru 1978, ECR 1978, p. 2151, b’mod partikolari l-ewwel parti operattiva tad-Deċiżjoni u l-paragrafu 34.

*Artikolu 3*

Il-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-Relazzjonijiet Esterni għandu jikkonferma permezz ta' nota, bħal dik li hija mehmuża ma' din id-deċiżjoni (Anness III), il-ħatra tal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Organizzazzjonijiet Internazzjonali fi Vjenna, biex jiddepożita d-dikjarazzjoni mehmuża mad-Deċiżjoni mad-Direttur Ġenerali ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, depożitarju tal-Konvenzjoni ("Setgħat Sħaħ"), malajr kemm jista' jkun wara li tkun ġiet adottata din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Andris PIEBALGS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS 1*

**Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta' Materjal Nukleari u ta' Impjanti Nukleari**

L-ISTATI PARTIJIET GĦAL DIN IL-KONVENZJONI,

JIRRIKONOXXU d-dritt ta' l-Istati kollha li jiżviluppaw u japplikaw l-enerġija nukleari għal għanijiet paċifiċi, kif ukoll l-interessi leġittimi tagħhom fil-benefiċċji li jistgħu jinkisbu mill-użu paċifiku ta' l-enerġija nukleari,

KONVINTI mill-ħtieġa li tithaffef il-kooperazzjoni internazzjonali u t-trasferiment tat-teknoloġija nukleari għall-applikazzjoni paċifika ta' l-enerġija nukleari,

JAFU li l-ħarsien fiżiku huwa ta' importanza kbira għall-ħarsien tas-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent u s-sigurtà nazzjonali u internazzjonali,

KONXJI dwar l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li tirrigwarda ż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u l-promozzjoni ta' mġiba tajba ta' ġirien, relazzjonijiet ta' ħbiberija u kooperazzjoni bejn l-Istati,

JIKKONSIDRAW li skond it-termini tal-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, "Il-membri kollha għandhom, fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, iżommu lura milli jheddu li jużaw jew milli jużaw il-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat, jew b'kull mod ieħor li jkun inkonsistenti ma' l-Għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti,"

JIFTAKRU fid-Dikjarazzjoni dwar Miżuri biex ikun Eliminat it-Terroriżmu Internazzjonali, meħmuża mar-riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali 49/60 tad-9 ta' Diċembru 1994,

JIXTIEQU li jevitaw il-perikli li jistgħu jirriżultaw mit-traffikar illeċitu, it-teħid u l-użu kontra l-liġi ta' materjal nukleari u s-sabotaġġ ta' materjal nukleari u impjanti nuklejari, u jinnotaw li l-ħarsien fiżiku kontra atti bħal dawn sar kwistjoni dejjem tikber ta' tħassib nazzjonali u internazzjonali,

INKWETATI ĦAFNA biż-żieda madwar id-dinja ta' atti ta' terroriżmu fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu, u bit-theddid li ġej mit-terroriżmu internazzjonali u mill-kriminalità organizzata,

JEMMNU li l-ħarsien fiżiku għandu rwol importanti li jsostni l-limitazzjoni tat-tixrid ta' armi nukleari u l-għanijiet ta' kontra t-terroriżmu,

JIXTIEQU, permezz ta' din il-Konvenzjoni, li jagħtu s-sehem tagħhom għat-tisħiħ dinji tal-ħarsien fiżiku ta' l-użu ta' materjal nuklejari u ta' impjanti nukleari għal skopijiet paċifiċi,

KONVINTI li reati li għandhom x'jaqsmu ma' materjal nukleari u ma' impjanti nukleari huma kwistjoni ta' tħassib serju u li hemm bżonn urġenti li jkunu adotatti miżuri xierqa u effettivi, jew li jissaħħu l-miżuri eżistenti, biex ikun żgurat li dawn ir-reati ma jitħallewx isiru, jinkixfu u jkun hemm kastig għalihom,

JIXTIEQU li jsaħħu aktar il-kooperazzjoni internazzjonali biex jistabbilixxu, skond il-liġi nazzjonali ta' kull Stat Parti u skond din il-Konvenzjoni, miżuri effettivi għall-ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari u impjanti nukleari,

KONVINTI li din il-Konvenzjoni għandha tikkomplimenta l-użu, l-ħażna u t-trasport b'sikurezza ta' materjal nukleari u t-tħaddim b'sikurezza ta' impjanti nukleari,

JIRRIKONOXXU li hemm rakkomandazzjonijiet magħmulin internazzjonalment għall-ħarsien fiżiku li jiġu aġġornati minn żmien għal żmien u li jistgħu jservu ta' gwida dwar mezzi kontemporanji ta' kif jistgħu jinkisbu livelli effettivi ta' ħarsien fiżiku,

JIRRIKONOXXU wkoll li ħarsien fiżiku effettiv ta' materjal nukleari u ta' impjanti nukleari użati għal skopijiet militari huwa responsabbiltà ta' l-Istat li jkollu fil-pussess tiegħu materjal nukleari u impjanti nukleari bħal dawn, u jifhmu li materjal u impjanti bħal dawn qegħdin jingħataw u ser ikomplu jingħataw ħarsien fiżiku strett,

QABLU kif ġej:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' din il-konvenzjoni:

(a) "materjal nukleari" tfisser plutonju ħlief dak li għandu konċentrazzjoni isotopika li taqbeż it-80 % tal-plutonju-238; uranju-233; uranju arrikkit bl-isotopu 235 jew 233; uranju li jkollu taħlita ta' isotopi kif jinsabu fin-natura ħlief fil-forma ta' metall mhux maħdum jew ta' residwu ta' metall mhux maħdum; kwalunkwe materjal li għandu fih wieħed jew aktar minn dawk imsemmijin hawn fuq;

(b) "uranju arrikkit fl-isotopu 235 jew 233" tfisser uranju li jkollu l-isotopu 235 jew 233 jew it-tnejn f'ammont tali li l-proporzjon ta' abbundanza tas-somma ta' dawn l-isotopi għall-isotopu 238 ikun ikbar mill-proporzjon ta' l-isotopu 235 għall-isotopu 238 li jinsab fin-natura;

(ċ) "trasport nukleari internazzjonali" tfisser il-ġarr ta' kunsinna ta' materjal nukleari b'kull mezz ta' trasport maħsub li jmur lil hinn mit-territorju ta' l-Istat minn fejn ikun beda l-ġarr bil-vapur, li jibda mit-tluq mill-impjant tat-trasportatur f'dak l-Istat u jintemm mal-wasla f'impjant tar-riċevitur ġewwa l-Istat ta' l-aħħar destinazzjoni;

(d) "impjant nukleari" tfisser impjant (inklużi bini u tagħmir assoċjati miegħu) li fih il-materjal nukleari jkun prodott, ipproċessat, użat, ikkontrollat, maħżun jew imneħħi, jekk ħsara lil impjant bħal dak jew l-interferenza fih jistgħu iwasslu għall-ħruġ ta' ammonti sinifikanti ta' radjazzjoni jew materjal radjuattiv;

(e) "sabotaġġ" tfisser kull att doluż dirett kontra impjant nukleari jew kontra materjal nukleari li jkun qed jintuża, jinħażen jew jinġarr u li jista' direttament jew indirettament ikun ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà tal-persunal, tal-pubbliku jew ta' l-ambjent minħabba espożizzjoni għal radjazzjoni jew għal ħruġ ta' sustanzi radjuattivi.

*Artikolu 1A*

L-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni huma li jinkiseb u jinżamm ħarsien fiżiku effettiv mad-dinja kollha ta' materjal nukleari u ta' impjanti nukleari użati għal skopijiet paċifiċi; li ma jitħallewx isiru reati konnessi ma' materjal u impjanti bħal dawn madwar id-dinja u li jkun hemm ġlieda kontrihom; kif ukoll biex titħaffef il-kooperazzjoni bejn l-Istati Partijiet għal dawn l-għanijiet.

*Artikolu 2*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għal materjal nukleari użat għal skopijiet paċifiċi waqt użu, ħażna u trasport, u għal impjanti nukleari użati għal skopijiet paċifiċi, bil-kundizzjoni, iżda, li l-Artikoli 3 u 4 u l-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni jkunu japplikaw biss għal dan il-materjal nukleari waqt trasport nukleari internazzjonali.

2. Ir-responsabbiltà tat-twaqqif, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' ħarsien fiżiku ġewwa Stat Parti tkun għal kollox ta' dak l-Istat.

3. Barra mill-impenji aċċettati espressament mill-Istati Partijiet għal din il-Konvenzjoni, xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jkun interpretat bħala li jaffettwa d-drittijiet sovrani ta' Stat.

4. (a) Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jolqot drittijiet, obbligi u responsabbiltajiet oħra ta' Stati Partijiet skond id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt umanitarju internazzjonali.

(b) L-attivitajiet ta' forzi armati waqt ġlied bl-armi, skond kif dawk il-frażijiet jinftiehmu fid-dritt umanitarju internazzjonali, li huma regolati minn dak id-dritt, m'humiex regolati minn din il-Konvenzjoni, u l-attivitajiet li jkunu daħlu għalihom il-forzi armati ta' Stat fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, safejn dawn ikunu regolati minn regoli oħra tad-dritt internazzjonali, m'humiex regolati minn din il-Konvenzjoni.

(ċ) Xejn f'din il-konvenzjoni m'għandu jkun interpretat bħala awtorizzazzjoni skond il-liġi għall-użu jew għal theddida ta' l-użu ta' forza kontra materjal nukleari jew impjanti nukleari użati għal skopijiet paċifiċi.

(d) Xejn f'din il-Konvenzjoni ma japprova jew jillegalizza atti li xort'oħra jkunu kontra l-liġi, u l-anqas ma jħalli li ma jkunx hemm azzjoni kriminali skond liġijiet oħra.

5. Din il-Konvenzjoni m'għandhiex tapplika għal materjal nukleari użat jew miżmum għal skopijiet militari jew għal impjant nukleari li jkollu materjal bħal dan.

*Artikolu 2A*

1. Kull Stat Parti għandu jwaqqaf, jimplimenta u jżomm reġim xieraq ta' ħarsien fiżiku applikabbli għal materjal nukleari u għal impjanti nukleari fil-ġurisdizzjoni tiegħu, bl-iskop:

(a) li jħares kontra s-serq u teħid ieħor kontra l-liġi ta' materjal nukleari li jkun qed jintuża, jinħażen jew jinġarr;

(b) li jiżgura l-implimentazzjoni ta' miżuri rapidi u komprensivi biex jinstab, u skond il-każ, jittieħed lura materjal nukleari nieqes jew misruq; meta l-materjal ikun jinsab barra t-territorju tiegħu, dak l-Istat Parti għandu jaġixxi skond l-Artikolu 5;

(ċ) li jħares il-materjal nukleari u l-impjanti nukleari kontra sabotaġġ; u

(d) li jtaffi jew inaqqas il-konsegwenzi radjoloġiċi ta' sabotaġġ.

2. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, kull Stat Parti għandu:

(a) jistabbilixxi u jżomm qafas leġislattiv u regolatorju biex jirregola ħarsien fiżiku;

(b) jistabbilixxi jew jaħtar awtorità jew awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni tal-qafas leġislattiv u regolatorju; u

(ċ) jieħu miżuri oħra xierqa għall-ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari u impjanti nukleari.

3. Fl-implimentazzjoni ta' l-obbligi skond il-paragrafi 1 u 2, kull Stat Parti għandu, mingħajr ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' din il-Konvenzjoni, japplika, safejn dan ikun raġonevoli u prattiku, il-Prinċipji Fundamentali ta' Ħarsien Fiżiku ta' Materjal Nukleari u Impjanti Nukleari li ġejjin.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI A: *Responsabbiltà ta' l-Istat***

Ir-responsabbiltà għat-twaqqif, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' reġim ta' ħarsien fiżiku ġewwa Stat hija kollha kemm hi ta' dak l-Istat.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI B: *Responsabbiltajiet Waqt it-Trasport Internazzjonali***

Ir-responsabbiltà ta' Stat li jiżgura li materjal nukleari jitħares b'mod adegwat testendi wkoll għat-trasport internazzjonali tiegħu, sakemm dik ir-responsabbiltà tkun trasferita sewwa lil Stat ieħor, skond il-każ.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI C: *Qafas Leġislattiv u Regolatorju***

L-Istat huwa responsabbli li jistabbilixxi u jżomm qafas leġislattiv u regolatorju biex ikun jista' jirregola l-ħarsien fiżiku. Dan il-qafas għandu jipprovdi li jkunu stabbiliti r-rekwiżiti applikabbli għal ħarsien fiżiku u jkun jinkludi sistema ta' valutazzjoni u liċenzjar jew proċeduri oħra għall-għoti ta' awtorizzazzjoni. Dan il-qafas għandu jinkludi sistema ta' spezzjoni ta' impjanti u trasport nukleari għall-verifika ta' konformità mar-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet applikabbli tal-liċenzja jew ta' dokument ieħor ta' awtorizzazzjoni, u biex ikun stabbilit mezz għall-infurzar ta' rekwiżiti u kondizzjonijiet applikabbli, inklużi sanzjonijiet effettivi.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI D:** ***Awtorità Kompetenti***

L-Istat għandu jistabbilixxi jew jaħtar awtorità kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas leġislattiv u regolatorju, u li jkollha awtorità, kompetenza u riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex twettaq ir-responsabbiltajiet assenjati lilha. L-Istat għandu jieħu l-passi biex jiżgura indipendenza effettiva bejn il-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat u dawk ta' kull korp ieħor inkarigat mill-promozzjoni jew l-użu ta' enerġija nukleari.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI E:** ***Responsabbiltà ta' Detenturi ta' Liċenzja***

Ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tad-diversi elementi ta' ħarsien fiżiku ġewwa Stat għandhom ikunu identifikati b'mod ċar. L-Istat għandu jiżgura li r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni ta' ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari jew ta' impjanti nukleari tkun tad-detenturi tal-liċenzji rilevanti jew ta' dokumenti oħra ta' awtorizzazzjoni (eż. operaturi jew trasportaturi).

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI F:** ***Kultura ta' Sigurtà***

L-organizzazzjonijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' ħarsien fiżiku għandhom jagħtu prijorità xierqa lill-kultura ta' sigurtà, lill-iżvilupp u ż-żamma tagħha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tagħha fl-organizzazzjoni kollha.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI G:** ***Theddida***

Il-ħarsien fiżiku ta' l-Istat għandu jkun imsejjes fuq il-valutazzjoni kurrenti tat-theddida.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI H:** ***Approċċ Gradat***

Ir-rekwiżiti ta' ħarsien fiżiku għandhom ikunu bbażati fuq approċċ gradat, meħud qies tal-valutazzjoni kurrenti tat-theddida, il-ħajra relattiva, ix-xorta tal-materjal u l-konsegwenzi potenzjali assoċjati mat-tneħħija mhix awtorizzata ta' materjal nukleari u mas-sabotaġġ kontra materjal nukleari jew impjanti nukleari.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI I:** ***Difiża Profonda***

Ir-rekwiżiti ta' l-Istat għal ħarsien fiżiku għandhom jirriflettu kunċett ta' diversi livelli u metodi ta' ħarsien (strutturali jew oħrajn tekniċi, persunal u organizzattivi) li jkollhom jingħelbu jew jiġu evitati minn avversarju biex jilħaq l-għanijiet tiegħu.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI J:** ***Garanzija ta' Kwalità***

Għandhom ikunu stabbiliti u implimentati politika ta' garanzija ta' kwalità u programmi ta' garanzija ta' kwalità bil-għan li tinħoloq fiduċja li r-rekwiżiti speċifikati għall-attivitajiet kollha ta' importanza għal ħarsien fiżiku jkunu sodisfatti.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI K:** ***Pjanijiet ta' Kontinġenza***

Għandhom jitħejjew u jitħaddmu kif imiss mid-detenturi ta' liċenzja u mill-awtoritajiet interessati kollha pjanijiet ta' kontinġenza (emerġenza) bħala reazzjoni għal tneħħija mhix awtorizzata ta' materjal nukleari jew għal sabotaġġ ta' impjanti nukleari jew materjal nukleari, jew għal attentati għal dak il-fini.

**PRINĊIPJU FUNDAMENTALI L:** ***Konfidenzjalità***

L-Istat għandu jistabbilixxi rekwiżiti għall-ħarsien tal-konfidenzjalità ta' l-informazzjoni, li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħha jista' jkun ta' ħsara għall-ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari u ta' impjanti nukleari.

4. (a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal kwalunkwe materjal nukleari li l-Istat Parti jiddeċiedi b'mod raġonevoli li ma jeħtiġlux ikun soġġett għar-reġim ta' ħarsien fiżiku stabbilit skond il-paragrafu 1, meħud qies tax-xorta tal-materjal, il-kwantità u l-ħajra relattiva tiegħu u l-konsegwenzi radjoloġiċi u oħrajn potenzjali marbutin ma' kull att mhux awtorizzat immirat kontrih u l-valutazzjoni kurrenti tat-theddida kontrih.

(b) Materjal nukleari li ma jkunx soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu skond is-sub-paragrafu (a) għandu jitħares skond prattika ta' tmexxija prudenti.

*Artikolu 3*

Kull Stat Parti għandu jieħu miżuri xierqa fil-qafas tal-liġi nazzjonali tiegħu u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali biex, sakemm ikun prattikabbli, jiżgura li, waqt trasport nukleari internazzjonali, materjal nukleari fit-territorju tiegħu, jew abbord vapuri jew inġenji ta' l-ajru fil-ġurisdizzjoni tiegħu, sakemm dawk il-vapuri jew inġenji ta' l-arju jkunu involuti fi trasport lejn jew minn dak l-Istat, jitħares fil-livelli deskritti fl-Anness I.

*Artikolu 4*

1. Kull Stat Parti m'għandux jesporta jew jawtorizza l-esportazzjoni ta' materjal nukleari sakemm l-Istat Parti ma jkunx irċieva assigurazzjonijiet li dak il-materjal ikun ser jitħares matul it-trasport nukleari internazzjonali fil-livelli deskritti fl-Anness I.

2. Kull Stat Parti m'għandux jimporta jew jawtorizza l-importazzjoni ta' materjal nukleari mingħand Stat mhux Parti għal din il-Konvenzjoni sakemm l-Istat Parti ma jkunx irċieva assigurazzjonijiet li dak il-materjal jitħares matul it-trasport nukleari internazzjonali fil-livelli deskritti fl-Anness I.

3. Stat Parti m'għandux iħalli jgħaddi mit-territorju tiegħu, bl-art jew minn kanali ta' navigazzjoni jew minn ajruporti jew portijiet tiegħu, materjal nukleari bejn Stati li m'humiex partijiet ta' din il-Konvenzjoni sakemm l-Istat Parti ma jkunx irċieva assigurazzjonijiet li, sa fejn ikun possibbli, dan il-materjal nukleari jkun ser jitħares matul it-trasport nukleari internazzjonali fil-livelli deskritti fl-Anness I.

4. Kull Stat Parti għandu japplika, fil-qafas tal-liġi nazzjonali tiegħu, il-livelli ta' ħarsien fiżiku deskritti fl-Anness I għal materjal nukleari li jkun qed jinġarr minn parti ta' dak l-Istat għal parti oħra ta' l-istess Stat f'ibħra jew fl-ispazju ta' l-ajru internazzjonali.

5. L-Istat Parti responsabbli li jirċievi assigurazzjonijiet li l-materjal nukleari ser jitħares fil-livelli deskritti fl-Anness I skond il-paragrafi 1 sa 3 għandu jidentifika u javża bil-quddiem lil dawk l-Istati li l-materjal nukleari jkun mistenni jgħaddi minnhom bl-art jew minn kanali ta' navigazzjoni, jew li mistenni jidħol mill-ajruporti jew portijiet tagħhom.

6. Ir-responsabbiltà għall-ksib ta' assigurazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu trasferiti, bi ftehim reċiproku, lill-Istat Parti involut fit-trasport bħala l-Istat importatur.

7. Xejn f'dan l-artikolu m'għandu jkun interpretat li b'xi mod jista' jaffettwa s-sovranità u l-ġurisdizzjoni territorjali ta' Stat, inkluż dak fuq l-ispazju ta' l-ajru u l-ibħra territorjali tiegħu.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Partijiet għandhom jidentifikaw u jgħarrfu lil xulxin direttament jew permezz ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika bil-punt ta' kuntatt dwar kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-iskop ta' din il-Konvenzjoni.

2. Fil-każ ta' serq, ħtif jew teħid ieħor kontra l-liġi ta' materjal nukleari jew jekk ikun hemm theddida kredibbli ta' dan, Stati Partijiet għandhom, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, jipprovdu kooperazzjoni u assistenza sal-massimu fattibbli biex jinstab u jitħares dan il-materjal għal kwalunkwe Stat li jitlob dan. B'mod partikolari:

(a) Stat Parti għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jgħarraf malajr kemm jista' jkun lil dawk l-Istati li jidhirlu jkunu interessati, dwar kull serq, ħtif jew teħid ieħor kontra l-liġi ta' materjal nukleari jew jekk ikun hemm theddida kredibbli dwar dan, u li jgħarraf, skond il-każ, lill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika u lil organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra;

(b) meta jkunu qed jagħmlu dan, skond il-każ, l-Istati Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni bejniethom, ma' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, bil-għan li jħarsu materjal nukleari mhedded, jivverifikaw l-integrità tal-kontenitur ta' trasport jew jirkupraw dak il-materjal li jkun ittieħed illegalment, u għandhom:

(i) jikkoordinaw l-isforzi tagħhhom b'mezzi diplomatiċi jew b'mezzi oħra miftiehma;

(ii) jagħtu l-għajnuna, jekk jintalbu;

(iii) jiżguraw ir-radd lura ta' materjal nukleari misjub li jkun insteraq jew naqas b'konsegwenza tal-ġrajjiet imsemmija hawn fuq.

Il-modi ta' implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Partijiet interessati.

3. Fil-każ ta' theddida kredibbli ta' sabotaġġ ta' materjal nukleari jew ta' impjant nukleari, jew fil-każ ta' sabotaġġ tagħhom, Stati Partijiet għandhom, sal-massimu fattibbli, skond il-liġi nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti ma' l-obbligi rilevanti tagħhom skond id-dritt internazzjonali, jikkooperaw kif ġej:

(a) jekk Stat Parti jkun jaf b'theddida kredibbli ta' sabotaġġ lil materjal nukleari jew impjant nukleari fi Stat ieħor, ta' l-ewwel għandu jiddeċiedi dwar miżuri xierqa li jkollhom jittieħdu biex jgħarraf lil dak l-Istat malajr kemm jista' jkun, u skond il-każ, lill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika u lil organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, b'dik it-theddida, bil-għan li s-sabotaġġ ma jitħalliex isir.

(b) fil-każ ta' sabotaġġ ta' materjal nukleari jew ta' impjant nukleari fi Stat Parti u jekk jidhirlu li Stati oħra aktarx jintlaqtu radjoloġikament, ta' l-ewwel għandu, bla ħsara għall-obbligi l-oħra tiegħu skond id-dritt internazzjonali, jieħu miżuri adatti biex jgħarraf malajr kemm jista' jkun lill-Istat jew lill-Istati li aktarx jintalqtu radjoloġikament, u biex, jekk ikun jaqbel, jgħarraf lill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika u lil organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, bil-għan li jitnaqqsu jew jittaffew l-konsegwenzi radjoloġiċi tiegħu;

(ċ) jekk fil-kuntest tas-sub-paragrafi (a) u (b), Stat Parti jitlob l-għajnuna, kull Stat Parti li jintalab jagħti l-għajnuna għandu jiddeċiedi minnufih u jawża lill-Istat Parti li jkun għamel it-talba, direttament jew permezz ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, dwar jekk ikunx f'qagħda li jagħti l-għajnuna mitluba u dwar l-iskop u l-kondizzjonijiet ta' l-għajnuna li tista' tingħata;

(d) il-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni skond is-sotto-paragrafi (a) sa (c) għandha ssir permezz ta' proċeduri diplomatiċi jew proċeduri oħra miftehma. Il-mezz li bih tiġi implimentata din il-kooperazzjoni għandu jiġi ddeterminat b'mod bilaterali jew multilaterali mill-Istati Sieħba ikkonċernati.

4. Stati Partijiet għandhom jikkooperaw u jikkonsultaw bejniethom, skond kif jaqbel, direttament jew permezz ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika jew organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, biex jiksbu l-għajnuna f'dak li jirrigwarda d-disinn, il-manutenzjoni u t-titjib tas-sistemi ta' ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari waqt trasport internazzjonali.

5. Stat Parti jista' jikkonsulta jew jikkoopera, skond il-każ, ma' Stati Partijiet oħra, direttament jew permezz ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra biex jikseb l-għajnuna tagħhom f'dak li jirrigwarda d-disinn, il-manutenzjoni u t-titjib tas-sistema nazzjonali tiegħu ta' ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari f'użu domestiku, ħażna u trasport, u ta' impjanti nukleari.

*Artikolu 6*

1. Stati Partijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa konsistenti mal-liġi nazzjonali tagħhom biex iħarsu l-konfidenzjalità ta' kull informazzjoni li jirċievu b'mod konfidenzjali bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni mingħand Stat Parti ieħor jew permezz ta' parteċipazzjoni f'attività li ssir biex tkun implimentata din il-Konvenzjoni. Jekk Stati Partijiet jagħtu b'mod konfidenzjali informazzjoni lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew lil Stati li ma jkunux partijiet għal din il-Konvenzjoni, għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-konfidenzjalità ta' dik informazzjoni titħares. Stat Parti li jkun irċieva informazzjoni b'mod konfidenzjali minn Stat Parti ieħor jista' jagħti din l-informazzjoni lil partijiet terzi biss bil-kunsens ta' dak l-Istat Parti l-ieħor.

2. Stati Partijiet m'għandux jeħtiġilhom minn din il-Konvenzjoni li jagħtu informazzjoni li huma ma jistgħux jagħtu skond il-liġi nazzjonali tagħhom jew li tipperikola s-sigurtà ta' l-Istat interessat jew il-ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari jew ta' impjanti nukleari.

*Artikolu 7*

1. It-twettiq doluż ta':

(a) att mingħajr l-awtorità tal-liġi li jikkostitwixxi riċettazzjoni, pussess, użu, trasferiment, alterazzjoni, eliminazzjoni jew tixrid ta' materjal nukleari u li jikkawża jew aktarx jikkawża mewt jew offiża serja lil persuna jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent;

(b) serq jew ħtif ta' materjal nukleari;

(ċ) misappproprijazzjoni jew ksib frawdolenti ta' materjal nukleari;

(d) att li bih materjal nukleari jinġarr, jintbagħat jew jittieħed għal ġo Stat jew 'il barra minnu, mingħajr l-awtorità tal-liġi;

(e) att immirat kontra impjant nukleari, jew att li jfixkel it-tħaddim ta' impjant nukleari, fejn il-ħati dolożament jikkawża, jew fejn ikun jaf li l-att ser jikkawża, mewt jew offiża serja lil persuna jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent minħabba espożizzjoni għar-radjazzjoni jew il-ħruġ ta' sustanzi radjuattivi, sakemm l-att ma jitwettaqx skond il-liġi nazzjonali ta' Stat Parti fit-territorju li fih ikun jinsab l-impjant nukleari;

f) att li jikkostitwixxi domanda għal materjal nukleari permezz ta' theddid jew użu ta' forza jew ta' kull xorta oħra ta' intimidazzjoni;

(g) theddida:

(i) li jintuża materjal nukleari biex jikkawża mewt jew offiża lil persuna jew ħsara sostanzjali lill-propjretà jew lill-ambjent jew biex jitwettaq ir-reat deskritt fis-sub-paragrafu (e), jew

(ii) li jsir reat kif deskritt fis-sub-paragrafi (b) u (e) biex persuna naturali jew ġuridika, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat ikunu mġiegħla li jagħmlu jew li ma jagħmlux xi att;

(h) attentat ta' twettiq ta' xi reat spjegat fis-sottoparagrafi (a) sa (e);

(i) att li jikkostitwixxi parteċipazzjoni f'xi reat deskritt fis-sub-paragrafi (a) sa (h);

(j) att ta' kull persuna li torganizza jew tmexxi lil oħrajn iwettqu reat deskritt fis-sub-paragrafi (a) sa (h); u

(k) att li jikkontribwixxi biex isir reat kif deskritt fis-sub-paragrafi (a) sa (h) minn grupp ta' persuni li jaġixxu b'għan komuni; dan l-att għandu jkun intenzjonat u għandu jew:

(i) jitwettaq bil-għan illi jitkomplew l-attività kriminali jew l-għan kriminali tal-grupp, fejn attività jew għan bħal dawn ikun jinvolvi t-twettiq ta' reat deskritt fis-sub-paragrafi (a) sa (g), jew

(ii) isir bl-għarfien ta' l-intenzjoni tal-grupp li jikkommetti reat deskritt fis-sub-paragrafi (a) sa (g), u kull Stat Parti għandu jagħmel dan ir-reat punibbli bil-liġi nazzjonali tiegħu.

2. Kull Stat Parti għandu jistabbilixxi li r-reati msemmija f'dan l-artikolu jeħlu pieni xierqa li jqisu n-natura gravi tagħhom.

*Artikolu 8*

1. Kull Stat Parti għandu jieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikolu 7 fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta r-reat jitwettaq fit-territorju ta' dak l-Istat jew abbord vapur jew inġenji ta' l-ajru rreġistrati f'dak l-Istat;

(b) meta l-allegat ħati jkun ċittadin ta' dak l-Istat.

2. Kull Stat Parti għandu bl-istess mod jieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq dawn ir-reati f'każijiet fejn l-allegat ħati jkun ippreżentat fit-territorju ta' l-Istat u l-Istat ma jestradixxiehx, skond l-Artikolu 11, lejn Stat imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Din il-Konvenzjoni ma teskludix il-ġurisdizzjoni kriminali eżerċitata skond il-liġi nazzjonali.

4. Barra mill-Istati Partijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, kull Stat Parti jista', b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikolu 7 meta huwa jkun involut fit-trasport nukleari internazzjonali bħala l-Istat esportatur jew importatur.

*Artikolu 9*

Meta jkunu sodisfatti li ċ-ċirkostanzi hekk jisthoqqu, l-Istati Partijiet li fit-territorju tagħhhom ikun jinsab l-allegat ħati għandhom jieħdu miżuri xierqa, inkluża d-detenzjoni skond il-liġi nazzjonali tagħhom, biex jiżguraw il-preżenza tiegħu għall-fini ta' prosekuzzjoni jew ta' estradizzjoni. Il-miżuri meħuda skond dan l-artikolu għandhom ikunu nnotifikati mingħajr dewmien lil dawk l-Istati li jkun jeħtiġilhom jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni skond l-Artikolu 8 u, skond il-każ, l-Istati l-oħra kollha interessati.

*Artikolu 10*

L-Istat Parti li fit-territorju tiegħu jkun jinsab l-allegat ħati, għandu, jekk ma' jestradixxiehx, jibgħat il-każ, mingħajr ebda eċċezzjoni u mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' prosekuzzjoni, permezz ta' proċeduri skond il-liġijiet ta' dak l-Istat.

*Artikolu 11*

1. Ir-reati msemmija fl-artikolu 7 għandhom jitqiesu bħala reati li jagħtu lok għal estradizzjoni f'kull trattat dwar l-estradizzjoni li jkun jeżisti bejn l-Istati Partijiet. L-Istati Partijiet jintrabtu li jinkludu dawk ir-reati f'kull trattat futur dwar l-estradizzjoni li jkun ser jiġi ffinalizzat bejniethom.

2. Jekk Stat Parti li jagħmel l-estradizzjoni soġġetta għall-kondizzjoni li jkun jeżisti trattat jirċievi talba għall-estradizzjoni minn Stat Parti ieħor li ma jkollux trattat dwar l-estradizzjoni miegħu, dan jista' jekk irid, iqis din il-Konvenzjoni bħala l-bażi legali għal estradizzjoni f'dak li jirrigwarda dawk ir-reati. L-estradizzjoni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet l-oħra tal-liġi ta' l-Istat li lilu tkun saret it-talba.

3. L-Istati Partijiet li ma jagħmlux l-estradizzjoni soġġetta għall-kondizzjoni li jkun jeżisti trattat, għandhom jirrikonoxxu dawk ir-reati bħala li jagħtu lok għal estradizzjoni bejniethom soġġetta għall-kondizzjonijiet tal-liġi ta' l-Istat li lilu tkun saret it-talba.

4. Kull wieħed mir-reati għandu jkun ittrattat, għall-fini ta' estradizzjoni bejn l-Istati Partijiet, daqs li kieku twettaq mhux biss fil-post li fih seħħ, iżda wkoll fit-territorji ta' l-Istati Partijiet li jkunu jeħtiġilhom jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 8.

*Artikolu 11A*

Ebda wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 7 m'għandu jitqies, għall-finijiet ta' estradizzjoni jew ta' għajnuna legali reċiproka, bħala reat politiku jew bħala reat konness ma' reat politiku jew bħala reat ispirat minn motivi politiċi. Għalhekk, talba għal estradizzjoni jew għal għajnuna legali reċiproka ma' tistax ma tintlaqax abbażi biss li din tkun tikkonċerna reat politiku jew reat ispirat minn motivi politiċi.

*Artikolu 11B*

Xejn f'din il-Konvenzjoni ma jista' jkun interpretat li jimponi obbligu biex issir estradizzjoni jew biex tingħata għajnuna legali reċiproka, jekk l-Istat Parti mitlub ikollu raġunijiet sostanzjali biex iqis li t-talba għal estradizzjoni għal reati msemmija fl-Artikolu 7 jew għal għajnuna legali reċiproka fir-rigward ta' dawn ir-reati tkun saret bl-iskop li tħarrek jew tikkastiga persuna minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika jew fehma politika ta' dik il-persuna, jew li l-konformità ma' dik it-talba tikkawża preġudizzju lill-pożizzjoni ta' dik il-persuna għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet.

*Artikolu 12*

Kull persuna li dwarha jkunu għaddejjin proċeduri legali b'rabta ma' xi reat jew reati msemmija fl-Artikolu 7 għandha tkun garantita trattament ġust fl-istadji kollha tal-proċeduri legali.

*Artikolu 13*

1. L-Istati Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin l-akbar miżura ta' għajnuna b'rabta ma' proċeduri kriminali miġjubin fir-rigward tar-reati msemmija fl-Artikolu 7, inkluż l-għoti ta' xhieda li jkollhom disponibbli u li tkun meħtieġa għall-proċediment. Il-liġi ta' l-Istat li lilu tkun saret it-talba għandha tapplika f'kull każ.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx jolqtu l-obbligi taħt kwalunkwe trattat ieħor, bilaterali jew multilaterali, li jirregola jew li jkun se jirregola, fl-intier jew f'parti, l-għajnuna reċiproka fi kwistjoniijiet kriminali.

*Artikolu 13A*

Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jolqot it-trasferiment ta' teknoloġija nukleari għal finijiet paċifiċi li jsir biex isaħħaħ il-ħarsien fiżiku ta' materjal nukleari u ta' impjanti nukleari.

*Artikolu 14*

1. Kull Stat Parti għandu jgħarraf lid-depożitarju dwar il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu li jagħtu effett lil din il-Konvenzjoni. Id-depożitarju għandu perjodikament jgħaddi din l-informazzjoni lill-Istati Partijiet kollha.

2. L-Istat Parti li fih l-allegat ħati jkun tħarrek għandu l-ewwel, kull meta jkun prattiku, jikkomunika r-riżultat finali tal-proċeduri lill-Istati direttament interessati. L-Istat Parti għandu jikkomunika wkoll ir-rizultat finali lid-depożitarju li għandu jgħarraf b'dan lill-Istati kollha.

3. Fejn reat ikun jinvolvi materjal nukleari għal użu domestiku, ħażna jew trasport, u kemm l-allegat ħati, kif ukoll il-materjal nukleari jibqgħu fit-territorju ta' l-Istat Parti li fih ikun sar ir-reat, jew fejn reat ikun jinvolvi impjant nukleari u l-allegat ħati jibqa' fit-territorju ta' l-Istat Parti li fih ikun sar ir-reat, xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jkun interpretat bħala li Stat Parti jkun jeħtieġlu jagħti informazzjoni dwar proċeduri kriminali li jirriżultaw minn reat bħal dak.

*Artikolu 15*

L-Annessi jiffurmaw parti integrali minn din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 16*

1. Għandha titlaqqa' konferenza ta' Stati Partijiet mid-depożitarju ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' l-Emenda adottata fit-8 ta' Lulju, 2005, biex titqies l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni u kemm hija adegwata f'dak li għandu x'jaqsam mal-preambolu, il-parti operattiva kollha u l-annessi fid-dawl tas-sitwazzjoni eżistenti dak iż-żmien.

2. F'intervalli ta' mhux anqas minn ħames snin wara dak iż-żmien, il-maġġoranza ta' Stati Partijiet tista' tikseb, billi tibgħat proposta f'dan is-sens lid-depożitarju, li jitlaqqgħu aktar konferenzi bl-istess għan.

*Artikolu 17*

1. Fil-każ ta' tilwima bejn żewġ Stati Partijiet jew iżjed dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, dawk l-Istati Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet bil-għan li jilħqu arranġament dwar it-tilwima permezz ta' negozjati, jew b'kull mezz ieħor paċifiku ta' arranġament ta' tilwim aċċettabbli mill-partijiet kollha fit-tilwima.

2. Kwalunkwe tilwima ta' din ix-xorta li ma tkunx tista' tiġi rranġata bil-mod preskritt fil-paragrafu 1 għandha, fuq talba ta' kwalunkwe parti f'dik it-tilwima, tintbagħat għal arbitraġġ jew tkun riferuta lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja għal deċiżjoni dwarha. Meta tilwima tintbagħat għal arbitraġġ, u jekk, fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba, il-partijiet f'tilwima ma jkunux jistgħu jaqblu dwar l-organizzazzjoni ta' l-arbitraġġ, waħda mill-partijiet tista' titlob lill-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew lis-Segretajru-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti biex jaħtru arbitru wieħed jew aktar. Fil-każ ta' talbiet konfliġenti mill-partijiet fit-tilwima, it-talba lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jkollha prijorità.

3. Kull Stat Parti jista' fiż-żmien tal-firma, ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jew adeżjoni magħha, jiddikjara li ma jqisx lilu nnifsu marbut minn waħda jew miż-żewġ proċeduri ta' arranġament ta' tilwim imsemmija fil-paragrafu 2. L-Istati Partijiet l-oħra m'għandhomx ikunu marbuta minn proċedura ta' arranġament ta' tilwim imsemmija fil-paragrafu 2, fir-rigward ta' Stat Parti li jkun għamel riżerva għal dik il-proċedura.

4. Kwalunkwe Stat Parti li jkun għamel riżerva skond il-paragrafu 3 jista' f'kull waqt jirtira dik ir-riżerva permezz ta' notifikazzjoni lid-depożitarju.

*Artikolu 18*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għal firma mill-Istati kollha fil-Kwartieri Ġenerali ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika fi Vjenna u fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York mit-3 ta' Marzu 1980, sad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Din il-Konvenzjoni hija soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mill-Istati firmatarji.

3. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha, din il-Konvenzjoni tkun miftuħa għal adeżjoni mill-Istati kollha.

4. (a) Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għal firma jew adeżjoni mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u mill-organizzazzjonijiet reġjonali ta' xorta ta' integrazzjoni jew oħra, bil-kondizzjoni li l-organizzazzjoni interessata tkun ġiet kostitwita minn Stati sovrani u jkollha kompetenza f'dak li jirrigwarda negozjati, konklużjoni u applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni.

(b) Fi kwistjonijiet li jkunu fil-kompetenza tagħhom, dawn l-organizzazzjonijiet għandhom, f'isimhom stess, jeżerċitaw id-drittijiet u jissodisfaw ir-responsabbiltajiet li din il-Konvenzjoni tattribwixxi lil Stati Partijiet.

(ċ) Meta ssir parti għal din il-Konvenzjoni, organizzazzjoni bħal din għandha tikkomunika dikjarazzjoni lid-depożitarju li tindika liema Stati huma membri tagħha u liema artikoli ta' din il-Konvenzjoni ma japplikawx għaliha.

(d) Din l-organizzazzjoni m'għandux ikollha vot addizzjonali għal dawk ta' l-Istati Membri tagħha.

5. Strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew ta' adeżjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-depożitarju.

*Artikolu 19*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data ta' depożitu tal-wieħed u għoxrin strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mad-depożitarju.

2. Għall kull Stat li jirratifika, jaċċetta, japprova l-Konvenzjoni jew jaderixxi magħha wara li jkun ġie ddepożitat il-wieħed u għoxrin strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-depożitu minn dak l-Istat ta' l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċetazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni.

*Artikolu 20*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 16, Stat Parti jista jipproponi emendi għal din il-Konvenzjoni. L-emenda proposta għandha tintbagħat lid-depożitarju li għandu jiċċirkolaha minnufih ma' l-Istati Partijiet kollha. Jekk il-maġġoranza ta' l-Istati jitolbu lid-depożitarju jlaqqa' konferenza biex jitqiesu l-emendi proposti, id-depożitarju għandu jistieden lill-Istati Partijiet kollha biex jattendu għal dik il-konferenza li għandha tibda mhux qabel tletin jum wara li tkun inħarġet l-istedina. Kull emenda adottata mill-konferenza b'maġġoranza ta' żewġ terzi għandha tkun iċċirkolata minnufih mid-depożitarju ma' l-Istati Partijiet kollha.

2. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat Parti li jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' l-emenda fit-tletin jum wara d-data li fiha żewġ terzi ta' l-Istati Partijiet ikunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, jew approvazzjoni mad-depożitarju. Wara dan, l-emenda tidħol fis-seħħ għal kull Stat Parti ieħor, fil-jum li fih dak l-Istat Parti jkun iddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' l-emenda.

*Artikolu 21*

1. Kull Stat Parti jista' jiddenunzja din il-Konvenzjoni permezz ta' nofikazzjoni bil-miktub lid-depożitarju.

2. Denunzja għandha jkollha effett mija u tmenin ġurnata wara d-data li fiha id-depożitarju jkun irċieva n-notifikazzjoni.

*Artikolu 22*

Id-depożitarju għandu minnufih jinnotifika lill-Istati kollha dwar:

(a) kull firma ta' din il-Konvenzjoni;

(b) kull depożitu ta' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

(ċ) kull riżerva jew irtirar skond l-Artikolu 17;

(d) kull komunikazzjoni magħmula minn organizzazzjoni skond il-paragrafu 4(ċ) ta' l-Artikolu 18;

(e) id-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni;

(f) id-dħul fis-seħħ ta' kull emenda għal din il-Konvenzjoni; u

(g) kull denunzja magħmula skond l-Artikolu 21.

*Artikolu 23*

L-oriġinal ta' din il-Konvenzjoni, li l-verżjoni Għarbija, Ċiniża, Ingliża, Franċiża, Russa u Spanjola tagħha huma awtentiċi b'mod indaqs, għandha tkun iddepożitata mad-Direttur Ġenerali ta' l-Aġenijza Internazzjonali għall-Enerġija Atomika li għandu jibgħat kopji ċċertifikati ta' dan lill-Istati kollha.

*ANNESS I*

**Livelli ta' Ħarsien Fiżiku li għandhom ikunu Applikati għal Trasport Internazzjonali ta' Materjal Nukleari kif Kategorizzat fl-Anness II**

1. Livelli ta' ħarsien fiżiku għal materjal nukleari waqt ħażna inċidentali għal trasport nukleari internazzjonali jinkludu:

   a. Għal materjali tal-Kategorija III, ħażna f'żona li l-aċċess għaliha jkun ikkontrollat;

   b. Għal materjali tal-Kategorija II, ħażna f'żona sorveljata kontinwament minn għassiesa jew bi strumenti elettroniċi u mdawra b'barriera fiżika b'għadd limitat ta' punti ta' dħul ikkontrollati kif imiss jew kull żona bl-istess livelli ta' ħarsien fiżiku;

   ċ. Għal materjal tal-Kategorija I, ħażna f'żona mħarsa skond kif hemm definit għall-Kategorija II ta' hawn fuq, li għaliha, barra minn hekk, l-aċċess ikun ristrett għal persuni li l-fiduċja fihom tkun ġiet stabbilita, u li tkun sorveljata minn għassiesa f'komunikazzjoni mill-qrib ma' forzi ta' reazzjoni f'waqtha. Miżuri speċifiċi meħuda f'dan il-kuntest għandu jkollhom bħala l-għan tagħhom li jikxfu u ma jħallux isir assalt, aċċess mhux awtorizzat jew tneħħija mhux awtorizzata ta' materjal.

2. Il-livelli ta' ħarsien fiżiku għal materjal nukleari waqt trasport internazzjonali jinkludu:

   a. Għal materjali tal-Kategoriji II u III, it-trasport għandu jsir taħt prekawzjonijiet speċjali li jinkludu arranġamenti minn qabel bejn min jibgħat, ir-riċevitur u t-trasportatur, u ftehim minn qabel bejn persuni naturali jew ġuridiċi soġġetti għall-ġurisdizzjoni u r-regolamenti ta' Stati esportaturi u importaturi, li jispeċifikaw il-ħin, il-post u l-proċeduri għat-trasferiment tar-responsabbiltà tat-trasport;

   b. Għal materjali tal-Kategorija I, it-trasport għandu jsir taħt prekawzjonijiet speċjali kif identifikati hawn fuq għal trasport ta' materjali tal-Kategoriji I u III, u barra dan, taħt sorveljanza kontinwa minn skorti u taħt kondizzjonijiet li jassiguraw komunikazzjoni mill-qrib mal-forzi ta' reazzjoni f'waqtha;

   ċ. Għal uranju naturali li ma jkunx ta' xorta ta' metall mhux maħdum jew fdal ta' metall mhux maħdum: il-ħarsien ta' trasport ta' kwantitajiet li jaqbżu l-500 kilogramma ta' uranju għandu jinkludi notifikazzjoni minn qabel ta' ġarr bil-vapur li tispeċifika l-mod ta' trasport, il-ħin mistenni tal-wasla u l-konferma tal-wasla tal-merkanzija.

*ANNESS II*

**Tabella: Kategorizzazzjoni ta' materjal nukleari**

| Materjal | Forma | Kategorija | | |
|---|---|---|---|---|
| | | I | II | III ([c]) |
| 1. Plutonju ([a]) | Mhux irradjat ([b]) | 2 kg jew aktar | Inqas minn 2 kg iżda aktar minn 500 g | 500 g jew inqas iżda aktar minn 15 g |
| 2. Uranju-235 | Mhux irradjat ([b]) | | | |
| | — Uranju arrikkit sa 20 % $^{235}$U jew aktar | 5 kg jew aktar | Inqas minn 5 kg iżda aktar minn 1 kg | 1 kg jew inqas iżda aktar minn 15 g |
| | — Uranju arrikkit sa 10 % $^{235}$U iżda inqas minn 20 % | | 10 kg jew aktar | Inqas minn 10 kg iżda aktar minn 1 kg |
| | — Uranju arrikkit aktar minn naturali, iżda inqas minn 10 % $^{235}$U | | | 10 kg jew aktar |
| 3. Uranju-233 | Mhux irradjat ([b]) | 2 kg jew aktar | Inqas minn 2 kg iżda aktar minn 500 g | 500 g jew inqas iżda aktar minn 15 g |
| 4. Fjuwil irradjat | | | Uranju mnaqqas jew naturali, torju jew fjuwil ftit arrikkit (inqas minn 10 % kontenut fissili) ([d]) ([e]) | |

([a]) Il-plutonu kollu ħlief dak b'konċentrazzjoni isotopika li taqbeż it-80 % fil-plutonju-238.

([b]) Materjal mhux irradjat f'reattur jew materjal irradjat f'reattur iżda b'livell ta' radjazzjoni ugwali għal jew inqas minn 1 gray/siegħa (100 rads/siegħa) f'tul ta' metru mingħajr protezzjoni.

([c]) Il-kwantitajiet li m'humiex tal-Kategorija III u uranju naturali għandhom jitħarsu skond prattika ta' tmexxija prudenti.

([d]) Għalkemm dan il-livell ta' ħarsien huwa rrakkomandat, huma l-Istati li jagħżlu, wara li jkunu evalwaw iċ-ċirkostanzi speċifiċi, li jassenjaw kategorija differenti ta' ħarsien fiżiku.

([e]) Fjuwil ieħor li minħabba l-kontenut oriġinali fissili tiegħu huwa kklassifikat fil-Kategorija I u II qabel ir-radjazzjoni, jista' jitnaqqas b'kategorija waħda waqt li l-livell ta' radjazzjoni mill-fjuwil taqbeż 1 gray/siegħa (100 rads/siegħa) f'tul ta' metru mingħajr protezzjoni.

*ANNESS 2*

**Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skond l-Artikoli 18 (4) u 17(3) tal-Konvenzjoni**

L-Istati li ġejjin huma fil-preżent membri tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika: ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tas-Slovakkja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Komunità tiddikjara li l-Artikoli 8 sa 13 u l-Artikolu 14, paragrafi (2) u (3) tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta' Materjal Nukleari u Impjanti Nukleari ma japplikawx għaliha.

Barra dan, skond l-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni, il-Komunità tiddikjara wkoll li minħabba li Stati biss jistgħu jkunu partijiet f'kawżi quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, il-Komunità hi marbuta biss mill-proċedura ta' l-arbitraġġ imsemmija f'17(2).

*ANNESS 3*

**SETGĦAT SĦAĦ**

Jien, hawn taħt iffirmat, ..............................................., Membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej responsabbli għar-Relazzjonijiet Esterni u għall-Politika Ewropea tal-Viċinat, qiegħed b'dan nikkonferma l-ħatra ta':

Is-Sur/Is-Sinjura ...............................................................

Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea

għall-organizzazzjonijiet Internazzjonali fi Vjenna

biex jiddepożita/tiddepożita mad-Direttur Ġenerali ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, l-istrument ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien Fiżiku ta' Materjal Nukleari u ta' Impjanti Nukleari.

Brussell,

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA’ FTEHIM INTERNAZZJONALI

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2007 TAL-KUMITAT KONĠUNT KOMUNITÀ/ŻVIZZERA GĦAT-TRASPORT BL-AJRU STABBILITI MILL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

**tal-5 ta’ Diċembru 2007,**

**li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-Trasport bl-Ajru**

(2008/100/KE)

IL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT BL-AJRU KOMUNITÀ/ŻVIZZERA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, minn hawn ’il quddiem “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Anness għal din id-Deċiżjoni jissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, 5 ta’ Diċembru 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Komunità*
Daniel CALLEJA CRESPO

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Komunità*
Raymond CRON

*ANNESS*

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim:

— Fil-każijiet kollha fejn l-atti speċifikati f’dan l-Anness fihom referenza għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jew il-ħtieġa ta’ konnessjoni ma’ dawn ta’ l-aħħar, ir-referenzi għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinftiehmu bħala li japplikaw anki għall-Iżvizzera jew għall-ħtieġa identika ta’ konnessjoni ma’ dan il-pajjiż;

— bla ħsara għall-Artikolu 15 ta’ dan il-Ftehim, it-terminu “trasportatur bl-ajru Komunitarju” [*air carrier*] li ssir referenza għalih fid-direttivi u fir-regolamenti Komunitarji li ġejjin għandha tinkludi trasportatur bl-ajru li għandu liċenzja u għandu l-post prinċipali tal-kummerċ tiegħu u, jekk ikun il-każ, l-uffiċċju reġistrat tiegħu fl-Iżvizzera skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92.

1. **It-tielet pakkett għal-liberalizzazzjoni ta’ l-avjazzjoni u regoli oħra dwar l-avjazzjoni ċivili**

Nru 2407/92

Ir-Regolament tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 1992 dwar liċenzjar ta’ *air carriers* [trasportaturi ta’ l-ajru].

(l-Artikoli 1-18)

Dwar l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 13(3), ir-referenza għall-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE għandha tkun interpretata bħala referenza għall-proċeduri applikabbli għal dan il-Ftehim.

Nru 2408/92

Ir-Regolament tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 1992 dwar l-aċċess għat-trasportaturi bl-ajru Komunitarji għal rotot bl-ajru intra-Komunitarji.

(l-Artikoli 1-10, 12-15)

(L-Annessi għandhom jiġu emendati sabiex jinkludu l-ajruporti Żvizzeri).

(L-emendi ta’ l-Anness I, li ġejjin mill-Anness II, Kapitolu 8 (Il-Politika tat-Trasport), Sezzjoni G (It-Trasport bl-Ajru), numru 1 ta’ l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta’ adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta’ l-Estonja, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, japplikaw).

Nru 2409/92

Ir-Regolament tal-Kunsill tat-23 ta Lulju 1992 dwar nollijiet u rati għal servizzi bl-ajru.

(l-Artikoli 1-11)

Nru 2000/79

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta’ Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji ta’ l-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji ta’ l-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Arju (IACA).

Nru 93/104

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta Novembru 1993 dwar xi aspetti ta’ l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, emendata bi:

— Id-Direttiva *2000/34/KE* tal-22 ta’ Ġunju 2000.

Nru 437/2003

Ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Frar 2003 dwar il-prospetti ta’ l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru.

Nru 1358/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-31 ta’ Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti ta’ l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru u li jemenda l-Anness I u II tiegħu.

Nru 785/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 dwar ir-rekwiżiti ta’ l-assigurazzjoni tat-trasportaturi ta’ l-ajru u l-operaturi ta’ l-ajruplani.

Nru 91/670

Id-Direttiva tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1991 dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta’ liċenzji tal-persunal għall-eżerċizzju ta’ funzjonijiet fl-avjazzjoni ċivili.

(l-Artikoli 1-8)

Nru 95/93

Ir-Regolament tal-Kunsill tat-18 ta’ Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta’ slots f'ajruporti tal-Komunità (l-Artikoli 1-12), kif emendat bi:

— Ir-Regolament *Nru 793/2004* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 (l-Artikoli 1-2).

Nru 96/67

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta’ Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-*groundhandling* fl-ajruporti Komunitarji.

(l-Artikoli 1-9, 11-23 u 25)

Nru 2027/97

Ir-Regolament tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 1997 dwar ir-responsabbilità ta’ trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta’ inċidenti (l-Artikoli 1-8) emendat bi:

— Ir-Regolament *Nru 889/2002* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Mejju 2002 (l-Artikoli 1-2)

2. **Regoli dwar il-kompetizzjoni**

Kwalunkwe referenza fit-testi li ġejjin għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat għandha tinftiehem li tfisser l-Artikoli 8 u 9 ta’ dan il-Ftehim.

Nru 17/62

Ir-Regolament tal-Kunsill tas-6 ta’ Frar 1962 li jimplimenta l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (l-Artikolu 8(3), emendat bi:

— Ir-Regolament Nru 59/62,

— Ir-Regolament Nru 118/63,

— Ir-Regolament Nru 2822/71,

— Ir-Regolament Nru 1216/99,

— Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta’ Diċembru 2002 (l-Artikoli 1-13, 15-45).

Nru 2988/74

Ir-Regolament tal-Kunsill tas-26 ta’ Novembru 1974 li jikkonċerna l-perjodi ta’ limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (l-Artikoli 1-7), emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta’ Diċembru 2002 (l-Artikoli 1-13, 15-45).

Nru 3975/87

Ir-Regolament tal-Kunsill ta’ l-14 ta’ Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (l-Artikoli 1-7, 8(1), 8(2), 9-11, 12(1), 12(2), 12(4), 12(5), 13(1), 13(2), u 14-19), emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1284/1999 ta’ l-14 ta’ Mejju 1991 (l-Artikolu 1),

— Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2410/92 tat-23 ta’ Lulju 1992 (l-Artikolu 1),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta’ Diċembru 2002 (l-Artikoli 1-13, 15-45).

N r u 3 9 7 6 / 8 7

Ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru (l-Artikoli 1, 5 u 7), emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2344/90 ta' l-24 ta' Lulju 1990 (l-Artikolu 1),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2411/92 tat-23 ta' Lulju 1992 (l-Artikolu 1),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 (l-Artikoli 1-13, 15-45).

N r u 1 6 1 7 / 9 3 ( 2 )

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 1993 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma li jikkonċernaw l-ippjanar konġunt u l-koordinazzjoni ta' skedi, l-operazzjonijiet konġunti, il-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija fuq servizzi ta' l-ajru skedati u l-allokazzjoni ta' *slots* fl-ajruporti (l-Artikoli 1-7), emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1523/96 ta' l-24 ta' Lulju 1996 (l-Artikoli 1 u 2),

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1083/1999 tas-26 ta' Mejju 1999,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1324/1999 tad-29 ta' Ġunju 2001,

N r u 4 2 6 1 / 8 8

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 1988 dwar ilmenti, applikazzjonijiet u smigħ previsti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87.

(l-Artikoli 1-14)

8 0 / 7 2 3

Id-Direttiva tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 1980 fuq it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjari bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliżi, (l-Artikoli 1-9), emendata bi:

— Id-Direttiva tal-Kummissjoni *85/413/KEE* ta' l-24 ta' Lulju 1985 (l-Artikoli 1-3).

N r u 1 / 2 0 0 3

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat

(l-Artikoli 1-13 u 15-45)

(Sa fejn dan ir-Regolament huwa rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Iż-żieda ta' dan ir-Regolament ma jolqotx il-qsim tal-kompiti skond dan il-Ftehim).

N r u 7 7 3 / 2 0 0 4

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat.

N r u 1 3 9 / 2 0 0 4

Ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Ghaqdiet (amalgamazzjonijiet)).

(l-Artikolu 1-18, 19(1)-(2), 20-23)

B'referenza għall-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Ghaqdiet [amalgamazzjonijiet], bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera japplika dan li ġej:

(1) B'referenza għal konċentrazzjoni, kif definita fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004, li ma għandhiex dimensjoni Komunitarja skond l-Artikolu 1 ta' l-imsemmi Regolament u li tista' tiġi riveduta skond il-liġijiet nazzjonali dwar il-kompetizzjoni ta' talanqas tliet Stati Membri tal-KE u l-Iżvizzera, il-persuni jew l-impriżi msemmija fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament jistgħu, qabel kwalunkwe notifika lill-awtoritajiet kompetenti, jinformaw lill-Kummissjoni tal-KE permezz ta' sottomissjoni motivata sabiex il-konċentrazzjoni tiġi eżaminata mill-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjoni tal-KE se tittrasmetti mingħajr dewmien lill-Konfederazzjoni Żvizzera s-sottomissjonijiet kollha skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 u l-paragrafu preċedenti.

(3) Jekk il-Konfederazzjoni Żvizzera tesprimi opinjoni negattiva rigward it-talba għar-referenza tal-każ, l-awtorità kompetenti Żvizzera għall-kompetizzjoni għandha żżomm il-kompetenza tagħha u l-każ ma għandux jiġi trasmess mill-Konfederazzjoni Żvizzera skond dan il-paragrafu.

B'referenza għal-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 4(4) u (5), 9(2) u (6) u 22(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet [amalgamazzjonijiet]:

(1) Il-Kummissjoni tal-KE se tittrasmetti mingħajr dewmien lill-awtorità Żvizzera għall-kompetizzjoni d-dokumenti kollha rilevanti skond l-Artikoli 4(4) u (5), 9(2) u (6) u 22(2).

(2) Il-kalkolu tal-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 4(4) u (5), 9(2) u (6) u 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jibda, għall-Konfederazzjoni Żvizzera, mal-wasla tad-dokumenti rilevanti għand l-awtorità Żvizzera għall-kompetizzjoni.

Nru 802/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) tas-7 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi.

(l-Artikoli 1-24)

3. **Sikurezza ta' l-avjazzjoni**

Nru 3922/91

Ir-Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili.

(l-Artikoli 1-3, 4(2), (5-11 u 13))

94/56/KE

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-prinċipji fondamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti ta' avjazzjoni ċivili.

(l-Artikoli 1-13)

2004/36

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurtà ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità.

(l-Artikoli 1-9 u 11-14)

Nru 2003/42

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili

(l-Artikoli 1-12)

Nru 1592/2002

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament"), emendat bi:

— Ir-Regolament *Nru 1643/2003* tat-22 ta' Lulju 2003,

— Ir-Regolament *Nru 1701/2003* ta' l-24 ta' Settembru 2003.

— *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 334/2007 tat-28 ta' Marzu 2007*

— *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 103/2007 tat-2 ta' Frar 2007 dwar il-proroga tal-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 53(4)*

— il-kumitat stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002

L-Aġenzija teżerċita, anki fl-Iżvizzera, l-poteri konferiti lilha skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

Il-Kummissjoni teżerċita, anki fl-Iżvizzera, l-poteri konferiti lilha għad-deċiżjonijiet adottati skond l-Artikolu 10(2), (4) u (6), l-Artikolu 16(4), l-Artikolu 29(3)(i), l-Artikoku 31(3), l-Artikolu 32(5) u l-Artikolu 53(4).

Minkejja l-adattament orizzontali previst fl-ewwel inċiż ta' l-Anness tal-Ftehim bejn l-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-"Istati Membri" li saru fl-Artikolu 54 tar-Regolament jew fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/468/KE li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni mhux ser jiġu interpretati bħala applikabbli għall-Iżvizzera.

Ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandha tkun interpretata fis-sens ta' trasferiment ta' poteri lill-EASA biex taġixxi f'isem l-Iżvizzera fl-ambitu ta' ftehimiet internazzjonali għal raġunijiet differenti għajr dawk biex tgħinha fil-qadi ta' l-obbligi tagħha skond dawn il-ftehimiet.

Għall-finijiet tal-Ftehim, it-test tar-Regolament għandu jinqara b'dawn l-adattamenti

(a) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu 1, il-kelmiet "jew l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kelmiet "il-Komunità".

(ii) fil-paragrafu 2(a), il-kelmiet "jew l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "mill-Komunità".

(iii) fil-paragrafu 2 il-punti (b) u (ċ) huma mħassra;

(iv) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Kull meta l-Komunità tinnegozja ma' pajjiż terz sabiex tikkonkudi ftehim li fih jiġi stabbilit li Stat Membru jew l-Aġenzija jista'/tista' joħroġ/toħroġ ċertifikati abbażi taċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta' dak il-pajjiż terz, hija għandha tagħmel ħilitha biex tikseb għall-Iżvizzera offerta ta' ftehim analogu mal-pajjiż terz ikkonċernat.

Min-naħa tagħha, l-Iżvizzera għandha tikkonkludi ftehim mal-pajjiżi terzi korrispondenti għal dawk tal-Komunità".

(b) Fl-Artikolu 20, jiżdied dan il-paragrafu:

"4. B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini Żvizzeri li jgawdu mid-drittijiet ċivili u politiċi jistgħu jiġu impjegati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija."

(ċ) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-Iżvizzera għandha tapplika għall-Aġenzija, il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, li hemm fl-Anness A ta' dan l-Anness, skond l-Appendiċi ta' l-Anness A.".

(d) Fl-Artikolu 28, jiżdied dan il-paragrafu:

"L-Iżvizzera għandha tipparteċipa b'mod sħiħ fil-Bord ta' Ġestjoni u fi ħdanu għandha l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, ħlief id-dritt tal-vot.".

(e) Fl-Artikolu 48, jiżdied dan il-paragrafu:

"8. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-kontribut finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1(a), skond il-formula li ġejja:

$$S (0,2/100) + S [1 - (a + b) 0,2/100] ċ/Ċ$$

fejn:

S = il-parti tal-baġit ta' l-Aġenzija li mhux kopert mill-piżijiet li jissemmew fil-paragrafu 1(b) u (ċ),

a = in-numru ta' Stati assoċjati,

b = in-numru ta' l-Istati Membri ta' l-UE,

ċ = il-kontribut ta' l-Iżvizzera għall-baġit ICAO,

Ċ = il-kontribut totali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u ta' l-Istati assoċjati għall-baġit ICAO."

(f) Fl-Artikolu 50, jiżdied dan il-paragrafu:

"Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll finanzjarju eżerċitat mill-Komunità fl-Iżvizzera li jikkonċernaw il-parteċipanti fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija huma stabbiliti fl-Anness B ta' dan l-Anness.".

(ġ) L-Anness II tar-Regolament huwa estiż għall-inġenji ta' l-ajru li ġejjin, bħala prodotti li jaqgħu taħt l-Artikolu 2(3)(a)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni minn organizzazzjonijiet għad-disinn u l-produzzjoni ([1]):

A/ċ - [HB IDJ] – tip CL600-2B19,

A/ċ - [HB-IGM] – tip Gulfstream G-V-SP,

A/ċ - [HB-IIS, HB-IIY, HB-IMJ, HB-IVL, HB-IVZ, HB-JES] – tip Gulfstream G-V,

A/ċ - [HB-IBX, HB-IKR, HB-IMY, HB-ITF, HB-IWY] – tip Gulfstream G-IV,

A/ċ - [HB-XJF, HB-ZCW, HB-ZDF, HB-ZDO] – tip MD 900.

Nru 736/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-metodi ta' xogħol ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ajru għat-twettiq ta' spezzjonijiet fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni.

Nru 768/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurtà ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità u dwar il-ġestjoni tas-sistema informattiva.

Nru 779/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) tal-24 ta' Mejju 2006 dwar l-onorarji u l-ħlasijiet lill-Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

Nru 2111/2005

Ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji ta' l-ajru [*air carriers*] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija ta' l-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE.

Nru 473/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' kumpaniji ta' l-ajru [air carriers] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità skond il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Dan ir-Regolament għandu japplika sakemm ikun fis-seħħ fl-UE.*

Nru 1702/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom, emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) *Nru 381/2005* tas-7 ta' Marzu 2005,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) *Nru 706/2006* tat-8 ta' Mejju 2006.

([1]) ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

— *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 335/2007 tat-28 ta' Marzu 2007*

— Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007

Għall-finijiet tal-Ftehim, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1702/2003 jinftiehmu bl-aġġustament li ġej:

L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafi 3, 4, 6, 8, 10, 11, 13 u 14, id-data "it-28 ta' Settembru 2003" hija sostitwita bil-kliem "id-data li fiha tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kumitat għat-Trasport bl-Ajru Komunità/Żvizzera li tintegra r-Regolament 1592/2002 fl-Anness tar-Regolament."

Nru 2042/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006 tat-8 ta' Mejju 2006.

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007.

Nru 104/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2004 li jniżżel ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

Nru 488/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) tal-21 ta' Marzu 2005 dwar l-onorarji u l-ħlasijiet lill-Agenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea.

4. **Sigurtà ta' l-avjazzjoni**

Nru 2320/2002

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili (l-Artikoli 1-8, 10-13), emendat bi:

— Ir-Regolament (KE) *Nru 849/2004* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004.

Nru 622/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni, emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) *Nru 68/2004* tal-15 ta' Jannar 2004,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) *Nru 781/2005* ta' l-24 ta' Mejju 2005 (l-Artikoli 1-2),

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) *Nru 857/2005* tas-6 ta' Ġunju 2005 (l-Artikoli 1-2).

Nru 1217/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni għal programmi ta' kontroll ta' kwalità għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili nazzjonali.

Nru 1486/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi proċeduri sabiex jitmexxew spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

(l-Artikoli 1-13 u 15-18)

Nru 1138/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ġunju 2004 li jistabbilixxi tifsira komuni għal partijiet kritiċi taż-żoni ristretti ta' sigurtà fl-ajruporti.

N r u 6 5 / 2 0 0 6

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni.

N r u 2 4 0 / 2 0 0 6

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Frar 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni.

N r u 8 3 1 / 2 0 0 6

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni.

5. **Ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru**

N r u 5 4 9 / 2 0 0 4

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' l-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas).

Il-Kummissjoni teżerċita fl-Iżvizzera l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikoli 6, 8(1), 10, 11 u 12.

Minkejja l-aġġustament orizzontali previst fl-ewwel inċiż ta' l-Anness tal-Ftehim bejn l-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-"Istati Membri" li saru fl-Artikolu 5 tar-Regolament jew fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/468/KE li jissemmew f'dak l-artikolu mhux ser jiġu interpretati bħala applikabbli għall-Iżvizzera.

— kumitat stabbilit skond ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 (Kumitat ta' l-Ajru Uniku).

N r u 5 5 0 / 2 0 0 4

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz).

Rigward l-Iżvizzera, il-Kummissjoni teżerċita l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikolu 16, kif emendat aktar 'l isfel.

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament huma emendati kif ġej:

(a) l-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "u fl-Iżvizzera" wara l-kelmiet "fil-Komunità".

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafi 1 u 6, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "u fl-Iżvizzera" wara l-kelma "Komunità".

(ċ) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "u fl-Iżvizzera" wara l-kelmiet "fil-Komunità".

(d) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "u fl-Iżvizzera" wara l-kelmiet "fil-Komunità".

(e) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 3 huwa sostitwit bit-test li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri u tinforma lill-fornitur tas-servizz tagħhom, sal-punt li fih dan ta' l-aħħar huwa ġuridikament ikkonċernat."

N r u 5 5 1 / 2 0 0 4

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu ta' l-ispazju ta' l-arja fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament ta' l-ispazju ta' l-arja)

Il-Kummissjoni teżerċita fl-Iżvizzera l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikoli 2, 3(5) u 10.

Nru 552/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku ta' l-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità).

Il-Kummissjoni teżerċita fl-Iżvizzera l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikoli 4, 7 u 10(3).

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament huma emendati kif ġej:

(a) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "jew fl-Iżvizzera" wara l-kelmiet "fil-Komunità".

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 4, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "jew fl-Iżvizzera" wara l-kelmiet "fil-Komunità".

(ċ) L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:

Fis-sezzjoni 3, fit-tieni u fl-aħħar inċiżi, għandhom jiddaħħlu l-kelmiet "jew fl-Iżvizzera" wara l-kelma "Komunità".

Nru 2096/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-provvista ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

Il-Kummissjoni teżerċita fl-Iżvizzera l-poteri mogħtija lilha skond l-Artikolu 9.

Nru 2150/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli ta' l-ispazju ta' l-ajru.

Nru 2006/23

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontrolluri tat-Traffiku ta' l-Ajru.

Nru 730/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2006 dwar il-klassifikazzjoni ta' l-ispazju ta' l-ajru u l-aċċess 'il fuq mil-livell ta' tajran 195 tat-titjiriet magħmula skond ir-regoli ta' tajran viżwali.

Nru 1033/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-proċeduri għall-pjanijiet ta' tajran fil-fażi ta' qabel it-titjira fil-kuntest ta' l-Ajru Uniku Ewropew.

Nru 1032/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għas-sistemi awtomatiċi ta' skambju ta' dejta tat-titjira għall-iskopijiet tan-notifika, koordinament u trasferiment ta' titjiriet bejn unitajiet ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru.

6. **Ambjent u Tniġġis akustiku**

2002/30

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (l-Artikoli 1-12, 14-18)

(L-emendi ta' l-Anness I, li ġejjin mill-Anness II, Kapitolu 8 (Il-Politika tat-Trasport), Sezzjoni G (It-Trasport bl-Ajru), numru 2 ta' l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, japplikaw).

8 0 / 5 1

Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1979 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' ħsejjes minn ajruplani subsoniċi (l-Artikoli 1-9), emendata bi:

— Direttiva *83/206/KEE*.

8 9 / 6 2 9

Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-4 Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjoni ta' ħsejjes minn ajruplani ċivili *jet* subsoniċi.

(l-Artikoli 1-8)

9 2 / 1 4

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 1992 fuq il-limitazzjoni ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988).

(l-Artikoli 1-11)

7. **Protezzjoni tal-konsumaturi**

9 0 / 3 1 4

Id-Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (*package travel*), il-vaganzi kollox kompriż u t-*tours* kollox kompriż.

(l-Artikoli 1-10)

9 3 / 1 3

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur.

(l-Artikoli 1-11)

N r u 2 2 9 9 / 8 9

Ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1989 dwar kodiċi ta' kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata (l-Artikoli 1-22), emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kunsill *Nru 3089/93*,

— Ir-Regolament tal-Kunsill *Nru 323/1999* tat-8 ta' Frar 1999.

N r u 2 6 1 / 2 0 0 4

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jithallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91

(l-Artikoli 1-18)

8. **Mixxellanji**

2 0 0 3 / 9 6

Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

(l-Artikolu 14(1)(b) u l-Artikolu 14(2))

Annessi:

A: Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej;

B: Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll finanzjarju eżerċitat mill-Komunità fl-Iżvizzera li jikkonċernaw il-parteċipanti fl-attivitajiet ta' l-EASA;

Ċ: Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fil-Kumitati.

ANNESS A

## PROTOKOLL DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI KKUNSIDRAW illi, skond l-Artikolu 28 tat-Trattat li jistabilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, dawn il-Komunitajiet u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandhom igawdu fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma meħtieġa għat-twettiq ta' l-attivitajiet tagħhom,

QABLU dwar dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li se jiġu annessi ma' dan it-Trattat:

KAPITOLU I

## PROPRJETÀ, FONDI, ASSI U ĦIDMIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Artikolu 1*

Il-postijiet u l-bini tal-Komunitajiet ikunu invjolabbli. Ikunu eżenti minn tfittxija, rekwiżizzjoni, konfiska jew esproprjazzjoni.

Il-proprjetà u l-assi tal-Komunitajiet ma jkunu suġġetti għal ebda miżura amministrattiva jew legali li tirrestrinġihom mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

*Artikolu 2*

L-arkivji tal-Komunitajiet ikunu invjolabbli.

*Artikolu 3*

Il-Komunitajiet, l-assi, id-dħul finanzjarju u proprjetà oħra tagħhom ikunu eżenti minn kull taxxa diretta.

Il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom, kull meta possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa biex jirrinunzjaw għal jew iħallsu lura l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Komunitajiet jagħmlu, għall-użu uffiċjali tagħhom, xirjiet sostanzjali li l-prezz tagħhom ikun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta. Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw, madankollu, b'mod illi jkollhom l-effett li jfixklu l-kompetizzjoni fi ħdan il-Komunitajiet.

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għar-rigward ta' taxxi u ammonti dovuti li jkunu biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika.

*Artikolu 4*

Il-Komunitajiet ikunu eżenti mid-dazji kollha tad-dwana, projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti intiżi għall-użu uffiċjali tagħhom: ħadd ma għandu jiddisponi minn oġġetti hekk importati, sew bi ħlas sew bla ħlas, fit-territorju tal-pajjiż li fih ikunu ġew importati, ħlief taħt kondizzjonijiet approvati mill-Gvern ta' dak il-pajjiż.

Il-Komunitajiet ikunu wkoll eżenti minn kull dazju tad-dwana u minn kull projbizzjoni u restrizzjoni fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet għar-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 5*

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar jista' jkollha valuta ta' kull xorta u tħaddem kontijiet f'kull valuta.

KAPITOLU II

## KOMUNIKAZZJONIJIET U *LAISSEZ-PASSER*

*Artikolu 6*

Għall-komunikazzjonijiet uffiċjali u t-trasmissjoni tad-dokumenti kollha tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet igawdu fit-territorju ta' kull Stat Membru it-trattament mogħti minn dak l-Istat lil missjonijiet diplomatiċi.

Korrispondenza uffiċjali u komunikazzjonijiet uffiċjali oħra ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet ma jkunux suġġetti għal ċensura.

*Artikolu 7*

1. Il-presidenti ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jistgħu joħorġu lill-membri u lill-impjegati ta' dawn l-istituzzjonijiet *laissez-passer* fil-forma stabbilita mill-Kunsill u li huma rikonoxxuti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bħala dokumenti ta' l-ivvjaġġar validi. Dawn il-*laissez-passer* jinħarġu lill-uffiċjali u lill-impjegati l-oħra skond il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel kull ftehim biex dawn il-*laissez passer* ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti validi għall-ivvjaġġar fit-territorju ta' pajjiżi terzi.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u Azzar għandhom, madankollu, jibqgħu applikabbli għall-membri u għall-impjegati ta' l-istituzzjonijiet li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat ikollhom fil-pussess tagħhom *laissez-passer* li hemm provdut dwaru f'dak l-Artikolu, sakemm jiġu applikati id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

**MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

*Artikolu 8*

M'għandha tiġi imposta ebda restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort'oħra fuq il-moviment liberu ta' membri tal-Parlament Ewropew li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom, fir-rigward ta' dwana u kontroll fuq il-kambju, jingħataw:

(a) mill-Gvern tagħhom stess, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil uffiċjali għolja li jkunu qed jivvjaġġaw barra l-pajjiż fuq missjonijiet uffiċjali temporanji;

(b) mill-gvernijiet ta' Stati Membri oħra, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil rappreżentanti ta' gvernijiet barranin fuq missjonijiet uffiċjali temporanji.

*Artikolu 9*

Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

*Artikolu 10*

Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu, għandhom igawdu:

(a) fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-Parlament tagħhom;

(b) fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.

L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu.

KAPITOLU IV

**RAPPREŻENTANTI TA' L-ISTATI MEMBRI LI JIPPARTEĊIPAW FIX-XOGĦOL TA' L-ISTITUZZJONIJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

*Artikolu 11*

Rappreżentanti ta' Stati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, il-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fil-qadi tad-doveri tagħhom u waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post tal-laqgħa jgawdu mill-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet konswetudinarji.

Dan l-Artikolu japplika wkoll għal membri ta' korpi ta' konsulenza tal-Komunitajiet.

KAPITOLU V

**UFFIĊJALI U IMPJEGATI OĦRA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

*Artikolu 12*

Fit-terrritorju ta' kull Stat Membru u tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet:

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li għandhom x'jaqsmu, min-naħa l-waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' uffiċjali u impjegati oħra lejn il-Komunitajiet u, min-naħa l-oħra, mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti fi kwistjonijiet bejn il-Komunitajiet u l-uffiċjali u impjegati oħra tagħhom, ikollhom immunità minn proċedimenti legali fir-rigward ta' atti magħmulin minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom, inklużi kliem li jkunu qalu jew kitbu. Ikomplu jgawdu din l-immunità wara li jkunu temmew il-kariga tagħhom.

(b) flimkien mal-konjuġi tagħhom u membri dipendenti tal-familji tagħhom, ma jkunux suġġetti għal restrizzjonijiet fl-immigrazzjoni jew għal formalitajiet fir-reġistrazzjoni ta' frustieri;

(ċ) fir-rigward ta' regolamenti dwar il-valuta jew il-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet bħal ma s-soltu jingħataw lil uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) igawdu d-dritt li jimportaw mingħajr ebda dazju l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom meta jibdew il-kariga tagħhom għall-ewwel darba f'dak il-pajjiż u d-dritt li jerġgħu jesportaw l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom mingħajr ebda dazju, meta jtemmu d-doveri tagħhom f'dak il-pajjiż, bla ħsara, f'kull każ, għall-kondizzjonijiet meqjusin meħtieġa mill-Gvern tal-pajjiż, fejn dan id-dritt jiġi eżerċitat;

(e) ikollhom id-dritt li jimportaw mingħajr ebda dazju karrozza għall-użu personali tagħhom, akkwistata jew fil-pajjiż fejn l-aħħar kellhom ir-residenza tagħhom jew fil-pajjiż li tiegħu huma jkollhom ċittadinanza skond il-pattijiet viġenti fis-suq lokali ta' dak il-pajjiż, u li jerġgħu jesportawha mingħajr ebda dazju, bla ħsara f'kull każ għall-kondizzjonijiet meqjusin meħtieġa mill-Gvern ta' dak il-pajjiż.

*Artikolu 13*

Uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet ikunu suġġetti għal taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Komunitajiet, skond il-kondizzjonijiet u l-proċedura stipulata mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Ikunu eżenti minn taxxi nazzjonali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet.

*Artikolu 14*

Fl-applikazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul, it-taxxa fuq il-ġid u t-taxxa tas-suċċessjoni u fl-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet dwar il-ħelsien mit-taxxa doppja magħmulin bejn Stati Membri tal-Komunitajiet, uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet li, unikament minħabba fil-qadi tad-doveri tagħhom fis-servizz tal-Komunitajiet, jistabbilixxu r-residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx il-pajjiż ta' domiċilju tagħhom għal skopijiet ta' taxxa, meta jidħlu fis-servizz tal-Komunitajiet, jiġu kunsidrati, sew fil-pajjiż tar-residenza attwali tagħhom sew fil-pajjiż tad-domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bħala li jkunu żammew id-domiċilju tagħhom f'dan l-aħħar pajjiż basta li dan ikun membru tal-Komunitajiet. Dawn id-disposizzjonijiet jgħoddu wkoll għall-konjuġi, safejn il-konjuġi ma jkollux jew ma jkollhiex separatament xi okkupazzjoni bi qligħ, u għal ulied dipendenti fuq u taħt ir-responsabbiltà tal-persuni msemmija f'dan l-Artikolu.

Il-proprjetà mobbli, li tappartjeni lil persuni msemmija fil-paragrafu preċedenti u li tkun tinsab fit-territorju tal-pajjiż fejn dawn ikunu qegħdin joqogħdu, tkun eżenti minn kull taxxa tas-suċċessjoni f'dak il-pajjiż; dik il-proprjetà għandha, għall-kalkolu ta' dik it-taxxa, tiġi meqjusa bħala li tinsab fil-pajjiż ta' domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bla ħsara għad-drittijiet ta' pajjiżi terzi u għall-applikazzjoni possibbli ta' provvedimenti ta' konvenzjonijiet internazzjonali fuq it-tassazzjoni doppja.

Kull domiċilju miksub unikament minħabba l-qadi ta' dmirijiet fis-servizz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra m'għandux jitqies fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 15*

Il-Kunsill għandu filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni jistipula l-iskema ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet.

*Artikolu 16*

Il-Kunsill għandu, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra involuti jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet li għalihom id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, u l-Artikolu 14 għandhom japplikaw, kollha kemm huma jew f'parti minnhom.

L-ismijiet, il-gradi u l-indirizzi ta' uffiċjali u impjegati oħra mdaħħla f'dawk il-kategoriji għandhom jiġu komunikati perjodikament lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

KAPITOLU VI

## PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET TAL-MISSJONIJIET TA' PAJJIŻI TERZI AKKREDITATI LILL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Artikolu 17*

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-Komunitajiet ikollhom is-sede tagħhom għandu jagħti l-immunitajiet u l-privileġġi diplomatiċi konswetudinarji lil missjonijiet ta' pajjiżi terzi akkreditati lill-Komunitajiet.

KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 18*

Privileġġi, immunitajiet u faċilitajiet jingħataw lill-uffiċjali u l-impjegati oħra tal-Komunitajiet unikament fl-interessi tal-Komunitajiet.

Kull istituzzjoni tal-Komunitajiet tkun meħtieġa li tirrinunzja għall-immunità mogħtija lil xi uffiċjal jew impjegat ieħor kull fejn dik l-istituzzjoni jidhrilha li r-rinunzja għal dik l-immunità ma tkunx kontra l-interessi tal-Komunitajiet.

*Artikolu 19*

L-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għandhom, bl-iskop li jiġi applikat dan il-Protokoll, jikkooperaw ma' l-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istati Membri involuti.

*Artikolu 20*

L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 japplikaw għall-membri tal-Kummissjoni.

*Artikolu 21*

L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 għandhom jgħoddu għall-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali, ir-Reġistratur u l-Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll għall-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti ta' Prim'Istanza, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom x'jaqsmu ma' l-immunità minn proċedimenti legali għall-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali.

*Artikolu 22*

Dan il-Protokoll japplika wkoll għall-Bank Ewropew ta' l-Investiment, għall-membri ta' l-organi tiegħu, għall-persunal u r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank.

Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu, ukoll, ikun eżenti minn kull għamla ta' tassazzjoni jew imposizzjoni ta' xorta simili, f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu, fl-Istat fejn il-bank ikollu s-sede tiegħu. Ix-xoljiment jew l-istralċ tiegħu m'għandu jagħti lok għal ebda impożizzjoni. Fl-aħħarnett, l-attivitajiet tal-Bank u ta' l-organi tiegħu imwettqa skond l-Istatut tiegħu ma jkunux suġġetti għal xi taxxa fuq il-bejgħ.

*Artikolu 23*

Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri ta' l-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll fuq l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu, ukoll, ikun eżenti minn kull għamla ta' tassazzjoni jew imposizzjoni ta' xorta simili, f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu, fl-Istat fejn il-bank ikollu s-sede tiegħu. L-attivitajiet tal-Bank u tal-fergħat tiegħu li jaħdmu skond l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi taxxa fuq it-*turnover*.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel għandhom japplikaw għall-Istitut Monetarju Ewropew. Ix-xoljiment jew l-istralċ tiegħu m'għandu jagħti lok għal ebda impożizzjoni.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sottoskritti Plenipotenzjarji ffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Brussell, illum, it-tmien jum ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin.

APPENDIĊI

**PROĊEDURI GĦALL-APPLIKAZZJONI FL-IŻVIZZERA TAL-PROTOKOLL DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

1. Estensjoni ta’ l-applikazzjoni għall-Iżvizzera

Kull referenza għall-Istati Membri fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa ’l quddiem “il-Protokoll”) għandha tinftiehem bħala estiża għall-Iżvizzera, għajr għal meta jkun previst mod ieħor mid-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Eżenzjoni ta’ l-Aġenzija mit-taxxi indiretti (inkluża l-VAT)

Il-beni u s-servizzi esportati ’l barra mill-Iżvizzera mhumiex suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud Żvizzera (VAT). F’każ ta’ beni u servizzi forniti fl-Iżvizzera lill-Aġenzija għall-użu uffiċjali tagħha, l-eżenzjoni mill-VAT issir permezz ta’ rifużjoni, skond l-Artikolu 3, it-tieni paragrafu tal-Protokoll. L-eżenzjoni mill-VAT tingħata jekk il-prezz tax-xiri effettiv tal-beni u tal-provvista ta’ servizzi indikat fil-fattura jew fid-dokument ekwivalenti jammonta għal total ta’ talanqas 100 Frank Żvizzeru (taxxa inkluża).

Ir-rifużjoni tal-VAT tingħata fuq preżentazzjoni lill-Amministrazzjoni Federali tat-Taxxa, Diviżjoni Prinċipali tal-VAT, tal-formuli pprovduti mill-Amministrazzjoni Żvizzera għal dan il-għan. It-talbiet għar-rifużjoni, flimkien mad-dokumenti ta’ sostenn meħtieġa, huma ġeneralment ipproċessati fi żmien tliet xahar mid-data tat-tressiq.

3. Proċeduri għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-persunal ta’ l-Aġenzija

B’referenza għall-Artikolu 13, it-tieni paragrafu tal-Protokoll, l-Iżvizzera għandha teżenta, skond il-prinċipji tal-liġijiet interni tagħha, lill-uffiċjali u impjegati oħra ta’ l-Aġenzija skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 ([1]) mit-taxxi federali, kantonali u komunali fuq is-salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Komunità u suġġetti għal taxxa interna bi profitt għal din ta’ l-aħħar.

Għall-finijiet ta’ l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 14 tal-Protokoll, l-Iżvizzera mhix meqjusa bħala Stat Membru skond il-punt 1 ta’ din l-Appendiċi.

L-uffiċjali u l-impjegati oħra ta’ l-Aġenzija, kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom li qegħdin fis-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-uffiċjali u l-impjegati oħra tal-Komunità, mhumiex obbligatorjament suġġetti għas-sistema tas-sigurtà soċjali Żvizzera.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha kompetenza esklussiva għall-kwistjonijiet kollha rigward ir-relazzjonijiet bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni u l-persunal tagħha għal dak li għandu x’jaqsam ma’ l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([2]) u d-dispożizzjonijiet tad-Dritt Komunitarju l-oħra li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta’ xogħol.

([1]) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 tal-Kunsill tal-25 ta’ Marzu 1969 li jistabbilixxi l-kategoriji ta’ uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej liema dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw (ĠU L 74, 27.3.1969, p. 1). Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/2002 (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 13).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta’ Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta’ l-uffiċjali u l-kundizzjonijiet ta’ impjieg ta’ uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (Ir-Regolamenti ta’ l-lstaff) (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2104/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7).

ANNESS B

## KONTROLL FINANZJARJU FIR-RIGWARD TAL-PARTEĊIPANTI ŻVIZZERI F'ATTIVITAJIET TAL-FTEHIM DWAR L-AVJAZZJONI EWROPEA

*Artikolu 1*

**Komunikazzjoni diretta**

L-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw direttament mal-persuni jew l-entitajiet kollha stabbiliti fl-Iżvizzera li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija bħala kuntrattur li jipparteċipa fi programm ta' l-Aġenzija, destinatarji ta' ħlas mill-baġit ta' l-Aġenzija jew tal-Komunità jew subkuntratturi. Dawn il-persuni jistgħu jittrasmettu direttament lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni rilevanti li huma meħtieġa li jintbagħtu skond l-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni, il-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi kif ukoll id-deċiżjonijiet adottati fil-kuntest ta' dawn l-istrumenti.

*Artikolu 2*

**Verifiki**

1. Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) u r-Regolament Finanzjarju adottat mill-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Aġenzija fis-26 ta' Marzu 2003, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) kif ukoll l-istrumenti l-oħra msemmija f'din id-Deċiżjoni, il-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda mal-benefiċjarji stabbiliti fl-Iżvizzera jistgħu jipprevedu t-twettiq fi kwalunkwe mument ta' verifiki xjentifiċi, finanzjarji, tekniċi jew ta' xort'oħra fis-sedi tagħhom u tas-subkuntratturi tagħhom minn impjegati tal-Kummissjoni jew ta' l-Aġenzija jew minn persuni oħra awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija.

2. L-uffiċjali ta' l-Aġenzija u tal-Kummissjoni u l-persuni l-oħra awtorizzati minn din ta' l-aħħar għandhom ikollhom aċċess għas-siti, ix-xogħlijiet u d-dokumenti, kif ukoll għall-informazzjoni kollha neċessarja, inkluż dawk f'format elettroniku, biex iwettqu dmirijiethom b'mod effikaċi. Dan id-dritt għall-aċċess għandu jiġi espliċitament stipulat fil-kuntratti jew fil-ftehimiet konklużi għall-implimentazzjoni ta' l-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej għandha l-istess drittijiet bħall-Kummissjoni.

4. Il-verifiki jistgħu jseħħu sa ħames snin wara l-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni jew skond il-kundizzjonijiet previsti mill-kuntratti jew mill-ftehimiet jew mid-deċiżjonijiet meħuda.

5. L-Uffiċċju Federali tal-Verifika Żvizzeru għandu jiġi infurmat minn qabel bil-verifiki li jsiru fuq it-territorju Żvizzeru. It-twettiq tal-verifiki ma huwa bl-ebda mod suġġett għall-komunikazzjoni minn qabel ta' din l-informazzjoni.

*Artikolu 3*

**Kontrolli fuq il-post**

1. Skond din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni (OLAF) hija awtorizzata li twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju Żvizzeru fil-kundizzjonijiet u skond il-modalitajiet stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ([3]).

2. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jitħejjew u jitmexxew mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Uffiċċju Federali tal-Verifika Żvizzeru u ma' l-awtoritajiet Żvizzeri kompetenti oħra maħtura minn dan, dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu informati fil-ħin dwar l-oġġett, l-iskop u l-bażi ġuridika tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna meħtieġa. Għal dan il-għan, l-uffiċjali ta' l-awtoritajiet Żvizzeri kompetenti jistgħu jipparteċipaw fil-kontrolli u fl-ispezzjonijiet fuq il-post.

3. Jekk l-awtoritajiet Żvizzeri kkonċernati hekk jixtiequ, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post isiru konġuntament mill-Kummissjoni u minn dawn l-awtoritajiet.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([3]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

4. Jekk il-parteċipanti fil-programm jopponu għal kontroll jew għal spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet Żvizzeri, b'konformità mar-regoli nazzjonali, jagħtu l-assistenza meħtieġa lill-ispetturi tal-Kummissjoni biex jaqdu dmirijiethom ta' kontroll u spezzjoni fuq il-post.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika, mill-aktar fis possibbli, lill-Uffiċċju tal-Verifika Federali Żvizzeru, dwar kull fatt jew suspett dwar irregolaritajiet li jkunu saru jafu bih waqt li jkunu qed isiru l-verifiki jew l-ispezzjonijiet fuq il-post. F'kull każ, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità msemmija hawn fuq dwar ir-riżultati ta' dawn il-verifiki u spezzjonijiet.

*Artikolu 4*

**Informazzjoni u konsultazzjoni**

1. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni korretta ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet Żvizzeri u Komunitarji kompetenti għandhom regolarment jaqsmu l-informazzjoni bejniethom u, fuq talba ta' waħda minnhom, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jinformaw mingħajr dewmien il-Kummissjoni u l-Aġenzija bi kwalunkwe element li jkunu saru jafu bih li jista' jagħti suspett ta' l-eżistenza ta' irregolaritajiet marbut mal-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-kuntratti jew tal-ftehimiet stipulati f'applikazzjoni ta' l-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

**Kunfidenzjalità**

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba skond dan l-Anness, tkun f'liema forma tkun, għandha tkun koperta missigriet professjonali u mħarsa bl-istess mod bħalma titħares informazzjoni analoga mil-leġiżlazzjoni Żvizzera u middispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet Komunitarji. Din l-informazzjoni ma tistax tiġi kkomunikata lil persuni oħra ħlief dawk li, fl-istituzzjonijiet Komunitarji, fl-Istati Membri jew fl-Iżvizzera, jeħtieġu, minħabba l-funzjonijiet tagħhom, li jkunu jafuhom, u lanqas ma tista' tintuża għal għanijiet ħlief dawk li jservu sabiex jiżguraw il-ħarsien effikaċi ta' l-interessi finanzjarji tal-Partijiet Kontraenti.

*Artikolu 6*

**Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi**

Bla ħsara għall-applikazzjoni tad-dritt kriminali Żvizzeru, miżuri u sanzjonijiet ammistrattivi jistgħu jiġu imposti mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2342/2002, kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]).

*Artikolu 7*

**Irkupru u eżekuzzjoni**

Id-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija jew tal-Kummissjoni meħuda fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni li jimponu obbligu ta' ħlas ta' flus fuq persuni oħra li mhumiex Stati jikkostitwixxu titolu eżekuttiv fl-Iżvizzera.

L-ordni għall-infurzar għandu jinħareġ, mingħajr ebda kontroll ieħor għajr għall-verifika ta' l-awtentiċità ta' l-att, mill-awtorità maħtura mill-gvern Żvizzeru, li għandu jinforma lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni b'dan. L-infurzar għandu jseħħ skond ir-regoli ta' proċedura Żvizzeri. Il-leġittimità tad-deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv hija suġġetta għall-kontroll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej maqtugħa skond klawżola ta' arbitraġġ huma infurzabbli bl-istess kundizzjonijiet.

---

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

ANNESS C

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TA' L-IŻVIZZERA FIL-KUMITATI**

— Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jaċċetta li d-dikjarazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fil-kumitati annessi ma' l-att finali tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru, minn issa 'l quddiem, fiha dan l-inċiż addizzjonali: "- kumitat stabbilit skond ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 (Kumitat ta' l-Ajru Uniku)."

— Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jaqbel li d-dikjarazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fil-kumitati, annessi ma' l-att finali tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 u adottat mill-Kunsill fl-4 ta' April 2002, għandu, minn issa 'l quddiem, jinqara b'dan l-inċiż addizzjonali: "- il-kumitat stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002."

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/101/PESK

**tat-28 ta' Jannar 2008**

**dwar it-tnedija ta' l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR Tchad/RCA)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/677/PESK tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ([1]) (EUFOR Tchad/RCA), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Settembru 2007, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta unanimament ir-Riżoluzzjoni 1778 (2007) li tapprova l-istabbiliment ta' Missjoni tan-NU fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u ċ-Ċad (MINURCAT) u li tawtorizza lill-UE biex tmexxi operazzjoni f'dawk il-pajjiżi għal perijodu ta' 12-il xahar mid-dikjarazzjoni ta' Kapaċità Operattiva Inizjali.

(2) L-awtoritajiet taċ-Ċad u tar-Repubblika Ċentru-Afrikana laqgħu l-preżenza militari possibbli ta' l-UE fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, b'dikjarazzjonijiet magħmulin fil-25 ta' Ottubru 2007 u fis-16 ta' Ottubru 2007 rispettivament.

(3) Skond l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tihux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża u għalhekk ma tihux sehem fil-finanzjament ta' l-operazzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Pjan ta' l-Operazzjoni huwa approvat.

*Artikolu 2*

Ir-Regoli ta' l-Awtorizzazzjoni tal-Ingaġġ huma approvati.

*Artikolu 3*

L-operazzjoni militari ta' l-UE fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR Tchad/RCA) għandha tinbeda fit-28 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 4*

Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE huwa b'dan awtorizzat b'effett immedjat biex jirrilaxxa l-ordni ta' attivazzjoni (ACTORD) sabiex jiġi esegwit l-iskjerament tal-forzi u tinbeda l-esekuzzjoni tal-missjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

([1]) ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.